A.L. 203 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip.H.Sc. – u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip.H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip.H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health), 1998 - ippubblikati bħala Avviż Legali 244 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-regolament 3 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

(2) Ir-regolamenti 4, 5 u 6 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Is-sotto-paragrafu (d) li ġej għandu jiżdied wara s-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"(d) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita n-numru ta' studenti li jistgħu jidħlu f'xi qasam ta' studju offrut fil-Kors. Meta n-numru jkun limitat hekk u n-numru ta' applikanti eligibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandom ikunu magħżula permezz ta' intervista u jitqiesu wkoll il-kwalifiki tal-kandidat u l-esperjenza rilevanti għall-qasam li jkun applika għalih."

Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok is-sotto-paragrafi (a)(i) u (ii) tal-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a)(i) kiseb l-ewwel grad li l-Bord għad-Dħul iqis relatat għax-xjenza tas-saħħa magħżula inkluża esperjenza klinika jew esperjenza rilevanti oħra kif xieraq; jew

(ii) għandu kwalifika professjonali rikonoxxuta li l-Bord għad-Dħul iqis relatata għax-xjenza tas-saħħa magħżula, għandu minimu ta' ħames snin esperjenza rilevanti, u jissodisfa lill-Bord permezz ta' intervista li hu jista' jtemm il-Kors b'suċċess; jew"

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok is-sotto-paragrafu (a)(i) tal-paragrafu (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a)(i) jkun Għadda bi grad globali B fil-Kors għad-Diploma li l-Bord iqis relatat għall-kors ta' studji propost; jew"

Emenda għall-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

1. (a) Il-kandidati li japplikaw għall-kors għall-Grad fin-*Nursing* jew fil-*Midwifery* għandhom:

(i) ikunu għaddew bi grad globali B fil-PostQualification Diploma fin-*Nursing /Midwifery Education*; jew

(ii) ikollhom l-ewwel grad fin-*Nursing/Midwifery Studies* b’mill-inqas it-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(iii) ikollhom grad li, fl-opinjoni tal-Bord għad-Dħul, hu ekwivalenti għall-kwalifiki mniżżla fis-sotto-paragrafi (i) jew (ii) ta’ dan ir-regolament.

(b) Il-kandidati għandu jkollhom minimu ta’ sentejn esperjenza fil-prattika fin-*Nursing/Midwifery*.

2. Minbarra r-rekwiżiti għad-dħul indikati fir-regolament 9, il-kandidati li japplikaw għall-kors għall-Grad fil-*Health Service Management* għandhom:

(i) ikunu għaddew bi grad globali B fil-PostQualification Diploma fil-Health Service Management; jew

(ii) ikollhom l-ewwel grad fi xjenza tas-saħħa jew fi xjenza tal-management, b’mill-inqas it-Tieni Klassi bl-Unuri, u għandhom minimu ta’ tliet snin esperjenza ta’ xogħol fis-settur tas-servizz tas-saħħa.”